MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2013

Numru. 701/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**vs.**

**Mohammed Hassan**
**Abdi Firah Silel Omar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni, kif korretta b'digriet tal-lum stess, migjuba kontra:

Mohammed Hassan, nazzjonalità Somalu, li twieled fis-07 ta' Ottubru, 1996, Numru mogħti mill-Puluzija 13H-057; u

Abdi Farah Silel Omaar, nazzjonalita Somalu, fis-27 ta' Settembru, 1997, iben Bile Omar Ali and Halima Mahamud, Numru tal-Pulizija 13H-097;

Akkuzati talli fis-26 ta' Lulju, 2013 ħarbu minn post ta' kustodja publika, ċioe 'Safi Detention Centre' (Kap 9, Sec 151 tal-Liġijiet ta' Malta).

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Wara li rat illi l-imputati rregistraw ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputati wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzathom bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u senjatament li l-piena massima ghal dik l-imputazzjoni kienet ta' sena prigunerija, u kkoncedietlhom zmien bizzejjed biex jergghu jikkonsidraw it-twegiba taghhom u jergghu lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputati stess, il-Qorti ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom.

Illi dwar il-piena, l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputati, l-fatt li huma kkoperaw mal-pulizija, u ma' offrewx rezistenza ghall-arrest meta regghu nqabbdu wara l-harba.

Madanakollu, l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tati piena karcerarja effettiva sabiex isservi wkoll ta' deterrent ghal persuni ohra li jinsabu fil-habs, f'*detention centres* jew fil-kustodja ta' persuni ohra milli jaharbu, u dan sabiex tinzamm il-buon ordni fil-pajjiz.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li z-zewg imputati huma minorenni, u ghaldaqstant se tnaqqas il-piena bi grad ai termini ta' l-Artikolu 37 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni id-dikjarazzjoni ta' l-ufficjal prosekutur waqt it-trattazzjoni orali, li kien hemm suspett ragonevoli, li waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija l-hati Abdi Firah Silel Omar prova jikkommetti suwicidju.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 152 u 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputati hatja ta' l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u tikkundannahom ghal piena ta' xaharejn (2) prigunerija effettiva.

Il-Qorti, in vista tad-dikjarazzjoni ta' l-ufficcjal prosekutur fuq imsemmija, tirrakommanda lid-Direttur tal-Habs sabiex il-hati Abdi Firah Silel Omar, jinzamm fil-Forensic Unit, ta' l-Isptar Monte Carmeli, jew fi kwalunkwe divizjoni ohra ta' l-istess sptar, li tkun ta' ghajnuna ghal xi kondizzjoni mentali li jista' jkun qed ibati minnha.

Il-Qorti tordna li dawn l-atti flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------